MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 172/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Kristine Urzi'**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar it-22 ta' Jannar, 2011 u nhar id-29 ta' Jannar 2011, meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex taghti access lil Roderick Gatt ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 338(II), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellanti hatja w ghaldaqstant ikkundannataha gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata fejn sabitha hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha w minflok tilliberha minn kull imputazzjoni u htija, jew in subsidum, f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tagħha, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' ġimgħa detenzjoni u minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti u cioe':-

Illi fl-ewwel lok, il-fatti m'humiex dawk prospettati mill-prosekuzzjoni għaliex l-appellant mhux minnu li fil-jiem indikati fl-akkuża naqset milli tagħti access lill-kwerelant. Illi dan gie konfermat ukoll bil-ġurament waqt ix-xiehda tal-istess kwerelant stante li meta ta x-xiehda tiegħu huwa għamel aċċenn li l-esponenti naqset milli tagħti lilu aċċess għal ibnu minuri fil-21 ta' Jannar 2011 u fit-28 ta' Jannar 2011. Bid-dovut rispett, l-imputazzjoni kif addebitata lill-appellant trid tigi ppruvata sal-grad rikjest mil-ligi u konsegwentement il-fatt biss li x-xhud ossia l-kwerelant, jaghti indikazzjoni ta' dati li ma jikkonformawx mal-jiem indikati fl-akkuża, ma jwassalx għal prova suffiċjenti fil-liġi li a bazi tagħha l-appellanti kellha tinstab ħatja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Per konsegwenza ta' dan l-appellanti ma kellha qatt tinstab hatja mill-Ewwel Qorti partikolarment meta l-kwerelant xehed fatti li seħħew f'dati kompletament differenti ghal kollox minn dawk indikati fl-istess akkuża.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għal dan premess, fl-opinjoni tal-appellant l-Ewwel Qorti, dejjem bid-dovut

rispett, għamlet ukoll apprezzament ħażin tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni. L-appellant tirrileva li l-prova essenzjali purche l-kwerelant xehed dwar id-dati b'mod korrett, kellha tkun id-Digriet bis-sahha ta' liema l-istess kwerelant seta' jġib 'il quddiem l-azzjoni kriminali in kwestjoni. Iżda anke f'dan l-istadju, d-digriet esebit mill-prosekuzzjoni a bażi ta' liema l-Qorti sabet lill-appellant ħatja, kien fiċ-ċirkostanzi kollha jxedd dubji kbar dwar il-jum meta l-kwerelant għandu jeżercita` tali access.

Illi jidher li l-Ewwel Qorti strahet fuq id-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 29 ta' Lulju 2008, in segwitu ghar-rikors pprezentat nhar is-16 ta' Lulju 2008, fejn l-imsemmi Digriet senjatament jindika s-segwenti : "*Tordna lir-rikorrenti jkollu access ghall-minuri nhar is-Sibt bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m.*"

Illi jirrizulta ampjament car li mid-dicitura tal-istess digriet, m'hemm ebda indikazzjoni li l-kwerelant kellu jezercita access kull nhar ta' Sibt bhal ma kien qed jippretendi. L-istess digriet izjed jaghti l-impressjoni li l-kwerelant kellu donnu dritt ghal Sibt wiehed bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m. Ghalkemm l-appellanti kienet effettivament taghtih access u normalment tali access kien ikun fil-jiem tas-Sibt, madankollu tali access kienet tikkoncedieh di buono volonta` taghha aktar milli b'obbligu legali. Dan premess kien ukoll ben saput mill-kwerelant, tant li l-appellant gibditlu l-attenzjoni diversi drabi sabiex jitlob kjarezza f'dan is-sens.

Illi l-appellant, f'dan l-istadju taghmel referenza ghal verbal sussegwenti mogħti mill-istess Qorti, ossia Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif diversament preseduta, datat 2 ta' Marzu 2011, fejn l-istess Qorti ħasset il-ħtieġa li għal finijiet ta' preċiżjoni varjat id-digrieti moghtija fid-29 ta' Lulju 2008 u tas-6 ta' Ottubru 2010. Tali verbal sar fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2011, liema verbal ġie ukoll esebit in atti tal-kawża fl-ismijiet premessi u li senjatament jghid : *"Il-Qorti, b'referenza għad-digriet tas-6 ta' Ottubru 2010 u b'referenza ghad-digriet tad-29 ta' Lulju 2008 tippreċiza li l-access favur il-missier ghall-minuri huwa ta' kull nhar ta'*

*Sibt bejn l-10.00 ta' filghodu u s-siegħa ta' wara nofsinhar".*

Illi saħansitra anke l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ħasset il-htieġa fl-udjenza su-indikata li tippreċiza dan il-punt, izda kien biss fl-udjenza recenti tat-2 ta' Marzu 2011 fejn dan il-punt gie precizat u konsegwentement gie nnnewtralizzat kull dubju rigward il-jiem tal-aċċess tal-kwerelanti. Iżda, jibqa` l-fatt li dan il-punt gie kristallizat xahrejn wara l-allegat reat kommess minnha u cioe` xahrejn wara d-dati indikati fl-akkuza. L-appellanti umilment tirrileva li kieku dan il-punt ma kienx punt ta' importanza, l-istess Qorti ma kienx ikollha ghalfejn tħoss il-htiega li "tippreciza" li l-access favur il-missier huwa, issa, ta' kull nhar ta' Sibt. Kien iżda proprju f'dan l-istadju tal-proceduri civili fejn giet stabbilita certezza legali bejn il-partijiet.

Illi l-appellanti thoss li dawn id-dubji kellhom jeskolpawha minn kull htija u piena tenendo kont li min veru ghandu nteress li jassigura l-hinijiet tal-access tieghu, kellu jara li din il-varjazzjoni fid-digriet kienet tinkombi lilu, aktar milli lilha, li jara li tigi kjarifikata. Konsegwentement, l-appellant in kwantu ghal dan l-aggravju, tirrileva li ma kienx hemm ksur tad-digriet odjern proprju minhabba lid-digriet li kien jaghti l-fakolta tal-access lill-kwerelant fil-jiem indikati fl-akkuza ma kienx car f'dan is-sens.

Illi bir-rispett dovut, l-Ewwel Qorti naqset żżomm ġo moħħha li lura f'Jannar tal-2011, u cioe` meta l-esponenti allegatament kkommettiet ir-reat de quo, dan il-punt kien għadu ma ġiex kjarifikat. L-akkużi kif dedotti kontra l-appellanti kienu jissussistu biss li kieku tali nuqqas sehh mid-data tal-verbal 'il quddiem u mhux b'manjiera retrospettiva.

Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għal dan premess u tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz u tal-provi prodotti, apparti li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-Ligi, l-esponenti certament li lahqet il-grad tal-probabbli kemm in kwantu riferibilment ghad-dati indikati mill-kwerelant fix-xiehda tieghu li ma kellhomx

x'jaqsmu xejn mad-dati indikati fl-akkuża u kemm in kwantu riferibilment għad-digriet prodott in sostenn għall-akkuża. Oltre dan premess, l-esponenti xehdet bil-ġurament taghha li fid-dati indikati fl-akkuża ma kienx minnu li l-kwerelant kien mar jieħu access ghat-tifel minuri.

L-appellant umilment tirrileva li fid-dati u jiem indikati fl-akkuża, kienet hi stess li fil-ħin tal-għaxra ta' filghodu marret tittawwal sabiex tara jekk il-kwerelant kienx preżenti sabiex tkun tista` tagħtih aċċess għall-minuri. L-esponenti kkonfermat anke bil-gurament tagħha li l-kwerelant f'dawk iż-żewġ dati in kwestjoni lanqas biss kien resaq 'l hemm sabiex jara lit-tifel. L-istess esponenti kienet tenniet ukoll li għamlet xi hin tistennieh iżda kien kollu inutili. Filwaqt li l-appellanti kienet attendibbli u kredibbli għall-aħħar fix-xhieda tagħha, mhux l-istess kien il-kwerelant, b'dan kollu kkonfermah hu stess bil-ġurament tiegħu meta għamel referenza żbaljata għad-dati meta allegatament seħħ l-akkadut.

Ikkonsidrat

Li l-Qorti reġgħet semgħet il-provi mill-ġdid.

Xehed Roderick Gatt li qal li mar jistenna t-tifel fit-22 u d-29 ta' Jannar 2011. L-ewwel darba dam jistenna xi nofs siegħa u t-tieni darba xi siegħa iżda ma ngħatax l-aċees għat-tifel għaliex it-tifel ma ġiex. Id-digriet li kien jorbot f'dak iż-żmien kien mogħti fis-6 t'Ottubru, 2010. Huwa kien ċempel xi tliet darbiet biex imur it-tifel. L-appellanti ma bdietx tirrispondi. Ix-xhud qal li kien irrapporta diversi drabi.
Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li l-appellanti kienet qaltlu biex ikellem lill-avukat tiegħu għaliex il-kliem tad-digriet kien ħoloq xi dubji dwar meta kellu jsir l-aċċess. Iżda qal li wkoll wara id-data fil-bdil tad-digriet xorta l-aċċess ma kienx regoalri (fol 42). Huwa kien daħal fil-ħajja tal-minuri tard għax l-appellanti ma kinitx tħallieh jarah. Qal ukoll li qed jipprova jirrikonoxxi l-minuri.

Fir-rieżami qal li kien hemm żmien fejn ma kienx hemm ekwivoku dwar meta kellu jara t-tifel.

Xehdet ukoll l-appellanti li qalet li fil-perjodu msemmi fiċ-ċitazzjoni Roderick Gatt kien ilu biss xahar jara lill-minuri. Hija xehdt li fid-dati msemmija hija niżlet fl-għaxra imma fil-verita' Roderick Gatt ma kienx mar. Forsi kienet żewġ minuti tard. Kompliet żiedet li hi dejjem marret bil-minuri u l-minuri beda jirrifjuta li jmur ma' Roderick Gatt. Hija spiċċat tmur bil-minuri għand il-psikologa li għamlet rapport ukoll. Dan ir-rapport ma kienx lest fid-dati msemmija fiċ-ċitazzjoni. Roderick Gatt baqa' jinsisti li la kellu l-aċċess, allura ried jiltaqa' mat-tifel.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li Roderick Gatt għad għandu aċċess għat-tifel.

Ikkonsidrat

Li skont id-digriet mogħti fis-16 ta' Lulju, 2008, r-rikorrenti (Roderick Gatt) kellu jkollu aċċess 'nhar is-Sibt bejn l-10.00 am u s-1.00pm.

Fit-2 ta' Marzu, 2011, il-Qorti tat digriet ieħor fejn ippreċiżat li l-aċċess favur il-missier għall-minuri huwa ta' kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00 filgħodu u s-siegħa ta' wara nofs in-nhar.'

Fid-dati taċ-ċitazzjoni – it-22 ta' Jannar 2011 u d-29 ta' Jannar 2011 – id-digriet tas-16 ta' Lulju 2008 kien in vigore.

Dan seta' qanqal xi dubju minħabba n-nuqqas tal-prepożizzjoni 'ta''.

Id-difiża ssottomettiet li Roderick Gatt xehed dwar dati differenti quddiem l-Ewwel Qorti. Peress li x-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti x-xhieda ma kinitx reġistrata, din is-sottomissjoni ma tistax tintlaqa' għax il-Qorti mhix f'pożizzjoni li tgħarbel x'intqal.

Id-difiża imbagħad għamlet is-sottomissjonijiet tagħha dwar id-digriet u dwar dan hemm sitt paragrafi li jistgħu jinġabru fi ftit kliem: l-ewwel digriet ħoloq dubju. Il-Qorti eżaminat is-sottomissjoni dwar id-digriet aktar ‘il fuq u rat il-preċiżazzjoni li għamlet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

Id-difiża ssottomettiet ukoll li l-appellanti kienet ippruvat il-każ tagħha fuq bażi ta’ probabilita’. Għal darb’oħra dak huwa kwistjoni ta’ xhieda quddiem l-Ewwel Qorti li l-Qorti ma tistax teżamina. Id-difiża għamlet ukoll referenzi dwar id-dati li kien xehed fuqhom Roderick Gatt quddiem l-Ewwel Qorti. Lanqas dwar dan il-fatt m’hemm record. Skont l-artikolu 583 tal-Kap 12, res applikabbli għall-Kap 9, ix-xhud jista’ jiffriska l-memorja tiegħu min-noti magħmula minnu jew minn persuna oħra li tkun għamlithom taħt id-direzzjoni tagħha. F’każi fejn jista’ jkun hemm ħafna dati, din l-għajnuna hija indispensabbli għal aktar eżatezza.

Il-Qorti qed tiddeċiedi li ħadd miż-żewġ xhieda ma qal il-verita’ kollha. Madankollu, minħabba l-preċiżazzjoni li saret fid-digriet mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) qed tiddeċiedi li l-appellanti mhux ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha fiċ-ċitazzjoni tal-lum.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet ‘Il-Pulizija kontra Kristine Urzi’’ fil-21 ta’ Marzu, 2011 fejn il-Qorti kienet sabet lill-appellanti ħatja u kkundannatha ġimgħa detenzjoni u minflok qed tiddikjarha mhux ħatja u teħlisha minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------